MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 61/2003

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' Ottubru, 2003 .**

**Citazzjoni  numru : 61/2003 G1(PC)**

Flock Hatchers Co Ltd .

VS

Bendo's Poultry Ltd .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' ghaxart elef tlett mija u tlettax-il lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm10,313.36) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' flieles tat-tigieg lilha konsenjati u mhux imhallsa kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dokument A ;

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas izda baqghet inadempjenti ; u

Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talbiet attrici .

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti ;

Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef tlett mija u tlettax-il lira maltija u sitta u tletin centezmu (Lm10,313.36 .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici debitament ikkonfermata minn Nicolai Balzan .

Rat ukoll id-dokument 'A' esebit mis-socjeta' attrici, huwa prospett datat 15 ta' Mejju, 2003, dwar l-ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta .

Innutat illi s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-appuntament tas-smiegh ta' din il-kawza ghal lum, liema riferta pozittiva ggib id-data tat-22 ta' Lulju, 2003 .

Innutat illi hadd ma deher ghal l-udjenza tal-lum in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta .

Il-Qorti ghalhekk, u peress illi jidhrilha illi t-talba hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma

ta’ ghaxart elef, tlett mija u tlettax-il lira maltija u sitta u tletin centezmu (Lm10,313.36), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ flieles tat-tigieg lilha kkonsenjati u mhux imhallsa .

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra s-socjeta’ konvenuta .
S6103Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------